Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 130/2010

**Mediterranean Building Finishes Limited** **(appellata)**

**Vs**

**Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia f'isimhom proprju u f'isem u in rapprezentanza s-socjeta Far-Fetched Media Limited** **(appellanti)**

7 ta' Frar, 2017.

1. L-attrici harrket lill-konvenuti ghas-somma ta' €8,031.16, bilanc ta' prezz ta' xoghol u servizzi li saru fil-fond The Studios, Mdina Road, Zebbug.

2. Il-konvenuti wiegbu li:
   i. Il-konvenuti Farrugia m'ghandhomx relazzjoni guridika mal-attrici[1].
   ii. L-azzjoni preskritta skont l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.
   iii. Ix-xoghol ma kienx tal-kwalita pattwita u ma sarx skont is-sengha u l-arti.

3. B'sentenza tat-18 ta' Frar, 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Malta), cahdet it-tieni u tielet eccezzjonijiet u kkundannat lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' €8,031.16, bl-imghax b'sehh mill-5 ta' Marzu 2008.

4. Il-konvenuti appellaw. L-aggravji huma:
   i. Mill-provi rrizulta li l-azzjoni hi preskritta.
   ii. Kien sar hlas tax-xoghol permezz ta' barter. Il-partijiet kienu qablu li x-xoghol li kellha taghmel l-attrici kellu jithallas permezz ta' servizz ta' reklamar fuq l-istazzjon Family TV.

5. L-attrici wiegbet (30 ta' Marzu 2015) fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

<u>**Konsiderazzjoni**</u>.

6. Dwar **l-ewwel aggravju**, l-ewwel qorti kkonkludiet li l-artikolu 2148(a) ma japplikax ghall-kaz in ezami. Il-konvenuti kienu nkarigaw lill-attrici sabiex taghmel xogholijiet f'bini li kien hemm Haz-Zebbug. Dan kien jikkonsisti f'kisi bil-gypsum u bir-ramel u siment, xoghol fuq il-faccata, skirting, tqeghid ta' madum u xoghlijiet ohra li jissemmew fid-dokument Dok. X (fol. 11). Keith

[1] Eccezzjoni li dwarha din il-qorti tat sentenza fil-15 ta' Mejju, 2012.

Camilleri, ufficjal tal-attrici, xehed (seduta 29 ta' Mejju, 2013, fol. 107) li x-xoghol kien beda l-ghada li baghat l-email tal-31 ta' Jannar 2008 (fol. 94). Qal ukoll li x-xoghlijiet damu ghaddejjin xi xahrejn. Pero' l-kont finali kien inhareg fil-5 ta' Marzu, 2008 (fol. 11) ghas-somma ta' €7,806.07[2]. Ghalhekk jidher li x-xoghlijiet ma damux xahrejn, pero' m'huwiex car meta tlestew. L-attrici pprezentat il-kawza fil-21 ta' April, 2010.

Mir-rikors tal-appell hu evidenti li f'dan l-istadju l-konvenuti qeghdin jinvokaw l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili, li tipprovdi ghall-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn fir-rigward:

*"(a) l-azzjonijiet tal-bennefjja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin jew ghall-materjali li jfornu"*

Ma saritx prova li l-appellanti kienu gew notifikati bl-ittra ufficjali li hemm a fol. 115. Il-konvenuti jsostnu li meta l-attrici pprezentat il-kawza, il-perjodu ta' sentejn kien diga' ghadda. Pero':

i. F'email datata 28 ta' Mejju, 2008, Keith Camilleri kiteb:

> *"Hi Vince*
> *Attached please find the invoice for the works that were carried out at your studios earlier this year. Andrew had promised me that you will start giving me payments in May. It would be kindly appreciated if you could start sending me some payments, as we have finished the project quite a while back now….."*

It-twegiba li nghatat kienet permezz ta' email (28 ta' Mejju, 2008) minghand Vince Mifsud, li l-qorti fehemet li kien ufficjal tas-socjeta konvenuta. Fiha nghad:

> *"Hi Keith,*
> *I just forwarded your mail to the accounts so they can start working on it."*

ii. Sahansitra, fid-9 ta' Jannar 2009 il-konvenuta harget statement intestata *"Set Off No 000028"* dwar xoghol ta' reklamar li ghamlet l-attrici, u li kienet qeghda ssostni li bih sar hlas ta' €2,360 fir-rigward tax-xoghol li ghamlet l-attrici. Il-konvenut Farrugia xehed (seduta 30 ta' Marzu, 2011, fol. 32):

> *"Qed nesebixxi invoice datata disgha (9) ta' Jannar two thousand and nine (2009) fl-ammont ta' two thousand three hundred and sixty (2,360) mahruga mis-socjeta attrici rigwardanti set-off to barter. Il-Family TV kien ghamel transmission. Il-Mediterranean Building Finishes Limited kienu sponsors u konna ghamilna set-off…*

[2] Ghalkemm fil-kont jinghad: *"Sticking tiles onto kitchen wall (Has not been done to date so I don't have the actual measurement as yet"* (fol. 12), m'hemmx prova li dan ix-xoghol kien sar. Tant hu hekk li ma jirrizultax li wara l-kont tal-5.3.2008, l-attrici harget xi kont addizzjonali.

*Is-set off kien sar mix-xoghol li ghamlu lill-Family TV. Ix-xoghol li kien sar huwa meritu tal-kawza tal-lum".*

Provi li fil-fehma tal-qorti kollha jindikaw li sehhet interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Ghalhekk il-konvenuti m'humiex korretti li jghidu li fid-data li giet prezentata l-kawza, kienu ghaddew is-sentejn kontemplati fl-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. **Ghaldaqstant, tichad l-ewwel aggravju**.

7. Dwar **it-tieni aggravju**, quddiem l-ewwel qorti fil-meritu nghatat l-eccezzjoni li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti (ara tielet eccezzjoni, fol. 6). Qalet sew l-ewwel qorti li:

*"... hija tenuta li tinvestiga d-difiza tal-konvenuta kif eccepita fl-eccezzjonijiet taghha u mhux kif tirrizulta minn xi trattazzjoni jew nota u ghalhekk f'dan ir-rigward id-difiza tal-konvenuti kienet wahda li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti. Hadd mix-xhieda li ressqu l-konvenuti ma jghidu li x-xoghol ma sarx tajjeb jew li kellhom xi lament dwaru".*

Pero' ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attrici nqdiet bl-istatement tal-konvenuta (fol. 33) datat 9 ta' Jannar 2009 fejn jinghad li sar *set off* ghas-somma ta' €2,360. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat fl-ewwel qorti, l-attrici argumentat:

*"Illi jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat bejn il-kontendenti li kien intlahaq ftehim bejniethom li, parti mill-ammont pretiz mis-socjeta esponenti bhala hlas tax-xoghlijiet u tas-servizzi li gew rezi minnha, kellu jkun pacut ma' reklamar maghmul mill-intimati fuq l-istazzjon televiziv Family Channel, **liema tpacija sehhet fil-bidu ta' Jannar 2009 kif indikat fl-ircevuta tad-9 ta' Jannar 2009**"* (fol. 175).

Madankollu ma jirrizultax li mill-kont Dok. X (fol. 11) l-attrici naqset dak kollu li effettivament kienu ftehemu l-partijiet. Hu veru li Keith Camilleri xehed (fol. 113):

*"Mistoqsi nispjega kif wasalt ghas-somma ta' €7,806.7 u nghid li konna qtajna elf minnhom ghaliex konna ftehmna ma' Andrew Farrugia li dik l-elf kellha ssir elfejn fil-barther u ghalhekk ikollok €6806.7 oltre l-VAT li jigi l-ammont mitlub minnha fir-rikors promotur".*

Pero' l-ispjegazzjoni li ta Keith Camilleri ma tabqilx ma' dak li jirrizulta mill-kont li harget l-attrici, fejn jinghad: ***10% discount + barter*** **€2,000** (fol. 12). Mela kellhom jitnaqqsu €2,000 u mhux €1,000, ghaliex il-konvenuta nghatat ukoll skont. Fatt li jirrizulta mill-kont li harget l-attrici stess u li dwaru ma kien hemm xejn li jzomm lill-ewwel qorti milli tiehu in konsiderazzjoni ta' dan il-fatt. Ghaldaqstant, l-ammont dovut lill-attrici hu **€6,851.08** (€7,806 - €2,000 = €5,806 x 18% VAT [€1045.08][3].

[3] Fl-istima li l-attrici kienet tat (fol. 90) jinghad li *"Price does not include VAT"*. L-istess fil-kont a fol. 11.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-appell billi tilqghu parzjalment u tvarja s-sentenza tat-18 ta' Frar, 2015 billi tiddikjara li l-ammont dovut lill-attrici hu ta' sitt elef tmien mija u wiehed u hamsin ewro u tmien centezmi (€6,851.08) u ghaldaqstant, tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu din is-somma bl-imghax kif ordnat mill-ewwel qorti. Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 85% a karigu tal-konvenuti u 15% a karigu tal-attrici, peress li s-somma minnha pretiza ma kinitx kollha dovuta**.

Anthony Ellul.